# O LEJL TA' SKIET (SILENT NIGHT) : L-ORIGNI TAGHHA.

Il-kant ta' "O Lejl ta' Skiet" huwa l-aqwa kant simboliku tal-Milied. U ghaldaqstant hija haga naturali li wiehed irid ikun jaf min fejn originat din il-"*carol*" straordinarja.

Biex immorru fl-gheruq ta' l-origini taghha, irridu nibdew mill-qorti rjali tar-re Frederiku Guliermu tal-Prussja, ftit snin wara li huwa tela' fuq it-tron fis-sena 1840.

Kien lejlet il-Milied. Gewwa Berlin ir-re u l-qorti tieghu kienu qed jikkommemoraw it-twelid ta' Kristu. Il-kor tal-Katidral, taht it-tmexxija ta' Felix Mendelsohn kien qed ikanta wahda mill-*carols* mir-repertorju tieghu.  Kienet il-*carol* "O lejl ta' Skiet."

Ir-re baqa' impressjonat b'dak il-kant sabih u ried ikun jaf min kitibha, izda meta ezamina l-lista ta' innijiet fil-programm kien sorpriz hafna li l-awtur taghha kien wiehed anonimu.  Ir-re tal-Prussja ma kienx ser jippermetti nofs xoghol.

Ghalhekk wara c-ceremonja ir-re baghat ghad-direttur. Madankollu Mendelsohn ma setghax jaghti taghrif lir-re dwar minn kien l-awtur ta' "O Lejl ta' Skiet." Ir-re ma kienx kuntent bir-risposta negattiva u baghat ghal Ludovigo, l-kap tal-kuncerti rjali biex jinforma ruhu dwar l-awtur ta' l-innu tal-

Milied, izda dan, l-stess bhal Mendelsohn, ma tahx ir-risposta mixtieqa.

Ir-re ordnalu biex ifittex min kien l-awtur ghax il-kotba ta' l-innijiet tal-Prussja riedu jkunu f'ordni, kif inhu xieraq, u mhux nofs xoghol.

Ludovigo ried johrog ta' ragel u jsib tarf ta' din il-problema. Ma setghax jibqa' jghid li ma kellux risposta ghad-diffikulta' tar-re billi fin-nofs kien hemm ir-reputazzjoni tieghu. Qalleb fost hafna dokumenti u kotba fl-ibliet tal-Germanja, imma kien ghalxejn.



"Il-kaccatur ta' l-innu" kif kienu laqqmu lil Ludovigo, studja l-istil tal-muzika li dehret li kienet Awstrijaka.  Huwa mar Vjenna imma ma sab ebda twegiba ghal dak li ried.

Biss pero', muzicist anzjan ta' zmien Hadyn tah hjiel. Michael Hadyn, hu il-famuz muzicista, ikkompona bosta xoghlijiet li kienu mitlufa. "Seta' dan l-innu tal-Milied kien wiehed minn dawn?," issugerilu dan ix-xwejjah. Ma tantx kienet informazzjoni nkoragganti. Qata' qalbu u mar lura lejn il-qorti mperjali.

Waqt il-vjagg tar-ritorn huwa sab kenn go lukanda li fiha kien hemm ghasfur go gagga jsaffar tifsira familjari. Hsieb dahallu go mohhu.

Ludovigu rrealizza li dik it-tisfira kienet tixbah lil dak l-innu tal-Milied li tieghu xtaq isib l-awtur. It-tifsira kienet tixbah hafna lil "O Lejl ta' Skiet."

"X'gara?" staqsieh sid l-lukanda meta rah iqum daqs malajr minn fuq is-siggu.

L-ghasfur," wiegbu Ludwig," Min ghallimhulu dak il-kant lil ghasfur?"

Sid il-lukanda ma kienx jaf. Imma kompla jghidlu li habibu xtrah mill-abazzija ta' Salzburg u hallieh hemm biex l-mistednin jiehdu gost bih.

L-abazzija ta' Salzburg! Bhalma kaccatur jigri wara l-priza tieghu, hekk Ludgwid li wara hafna tfittix bla frott, issa sab hjiel godda ohra li jaghtuh t-tama beda' avventura ohra.

Kien cert li Michael Hadyn ghex ghal zmien twil gewwa dik l-abazzija. Allura kien kwazi cert li dak l-innu kien ta' Michael Hadyn. Ludwig ma tilifx zmien biex ibiddel il-pjanijiet tieghu u jmur lejn Salzburg.

Mal-wasla tieghu, gie milqugh bl-unuri kollha u moghti akkomodazzjoni tajba hafna mill-patrijiet u l-abbati taghhom. Imma hadd ma kien jaf l-origini ta' din il-muzika. Huma lkoll kellhom id-dubbji taghhom li Hadyn kien il-kompozitur taghha.

Meta Ludwig irrakontalhom dwar l-ghasfur fil-gagga u ssugerixxa li l-patrijiet kienu ghallmu dan il-kant lil ghasur, l-



abbati ha ghalih ghaliex hwejjeg bhal dawn kienu projbiti fil-monasteru.

Ludwig imbaghad ghadda biex jezamina l-manuskritti kollha ta' Michael Hadyn fil-kamra fejn kien jahdem u bhalma qalulu il-patrijiet huwa ma sab xejn. Il-hjiel li haseb li kellu gheb fix-xejn. Skoraggut ghal ahhar huwa rega' lura lejn il-Qorti Prussjana.

Imma b'kumbinazzjoni fost dawk li kienu qed jipparetecipaw fil-pranzu moghti mill-abbati, kien hemm ghalliem jismu Ambrosio Prestainer li l-istorja ta' l-ghasur interessatu hafna.

"Dil-haga seta' ghamilha wiehed mit-tfal tal-kor tieghi," qallu.



Issa billi l-ghalliem kien jimita l-ghasfur perfettament huwa haseb biex jaghmel pjan halli jiskopri min seta' kien li  ghallem dan il-kant lil ghasfur. Ftit jiem wara qaghad wara tieqa li kienet tati ghall-bitha ta' l-iskola u qaghad isaffar il-kant ta' Silent Night billi jimita lil ghasfur.
Il-pjan tieghu hadem ghax malajr sema' lil tifel jghid: " Allura ergajt gejt ghasfur zghir." U t-tifel hareg mill-klassi u sab ma' wiccu lil ghalliem. Il-pjan tieghu rnexxa.

"X'jismek ?" staqsih l-ghalliem

"Felix Gruber," wiegeb it-tifel

"U ghidli Felix fejn tghallimt dan il-kant?"

"Missieri ghallimulhi."

"U min fejn gabu?"

"Ikkomponieh huwa sir."

Bla ma tilef zmien Prestainer mar fid-dar tat-tifel fil-villagg tal-qrib. Hemm iltaqa' ma' l-ghalliem lokali Franz Gruber li qallu li kienu hu li kkompona il-muzika imma l-kliem kien kitibhomlu l-kappillan  ta' Bagran Fr. Josef Mohr li kien miet ricentement.

Ferhan ghal ahhar Prestainer kiteb lil Ludovico dan li gej:

*Fr. Josef Mohr, kien qed ihejji ruhu ghall-liturgija ta' lejlet il-Milied meta  sema' tahbita fuq il-bieb. Kienet mara li talbitu l-ghajnuna ghal tarbija li kienet ghadha kemm twieldet.*



*Minghajr tnikkir il-qassis halla il-kumdita' ta' daru u wara li tela' muntanja wasal fid-dar fejn twieldet it-tarbija. Wara li ta l-ghajnuna tieghu irritorna lejn daru bil-kwiekeb jiddu fis-smewwiet. It-tarbija, il-koppja fqira u d-dar fqira taghhom impressjonawh ghax fakkruh f'tarbija ohra ta' koppja ohra go ghar ta' Betlem.*

*Wara l-quddiesa ta' nofs il-lejl Fr Mohr ma setghax jorqod. Huwa ha lapes u karta u kiteb poezija li l-lirika taghha kellha tkun il-famuz kant ta' O Lejl ta' Skiet.*

*Filghodu fil-Milied tas-sena 1818 huwa mar sab lil habibu Franz Gruber, ta' 31 sena li mistghageb ghall-kliem meqjus tal-poezija qallu:*

*Dan hu l-kant preciz ghall-Milied li tant ghandna bzonn. Ikun imbierek Alla u dak il-hin stess ikkompona l-mizika ghalih.*